Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL- ĦMISTAX IL-LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 19 ta' Diċembru 2012

**Ħin:** Mill-5pm sas-6.40pm

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Erbatax–il laqgħa tas-Seba' Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-erbatax-il laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 5 ta' Diċembru 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier D. Zammit Marmara talab li f'*item 9* fl-ewwel paragrafu jiżdiedu l-kliem " *Fuq suġġeriment tal-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara saret diskussjoni...*" Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-PPCD ġew mgħarrfa li ser toħroġ sejħa oħra għall-kwotazzjoni ERDF 205/10/12 " *Installation of a marble plaque with bronze lettering*"

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li nkitbet ittra lil Transport Malta fejn bħala Kunsill qed noġġezzjonaw għall-estensjoni tal-linji bojod quddiem garage ta' residenza li jinsab fi Triq San Gabriel kantuniera ma' Triq B. Bontadini.

Il-Kunsillier S. Gatt informa lill-Kunsill li huwa flimkien mas-Sur D. Zammit Marmara attendew għall-laqgħa tar-Reġjun fejn tqajmet il-kwistjoni tal-problema tal-parking quddiem l-iskola Stella Maris. Fil-laqgħa ħareġ li l-pulizija jiġu provduti biss fl-iskejjel primarji tal-Gvern. Il-Kunsillier Zammit Marmara qal li jidher biċ-ċar li mhux ser isir xejn min naħa tar-reġjun fil-konfront ta' din il-problema. Għalhekk il-Kunsill unanimament iddeċieda li mingħajr telf ta' żmien għandha ssir laqgħa mal-Headmistress tal-iskola biex tinstab soluzzjoni għaliex żgur li din is-sitwazzjoni mwegħra mhux ser tibqa' kif inhi.

Is-Sindku talab li tinqara l-ittra li bagħat is-Sur Laferla li joqgħod fi Triq Providenza fejn saru xi allegazzjonijiet fil-konfront tal-Kunsill, kif ukoll fil-konfront tal-Viċi Sindku is-Sur J. Galea. Fuq dawn l-allegazzjonijiet is-Sindku ppropona li dawn jiġu mgħoddija lill-Ispettur tal-Għassa ta' Ħal Balzan għall-attenzjoni tiegħu f'kaz li jkunu jridu jkellmu lis-Sur Laferla għal aktar stħarriġ. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3. Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra mingħand l-Awtorita' tad-Djar fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li fi żmien sitt xhur insibu post alternattiv u noħorġu mill-fond li qed nokkupaw għar-raġuni li hi policy ġenerali tal-Awtorita' li postijiet rekwiżizzjonati titneħħielhom l-ordni ta' rekwiżizzjoni.

Is-Sindku talab li fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill tiġi dikussa din il-problema li hija ta' natura urġenti u talab lis-Segretarju biex jikteb u jigu mgħarrfa b'dan id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif ukoll jibgħat kopja lid-Dipartiment tal-Uffiċċju Konġunt kif ukoll lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 4. Rapport dwar l-Ilmenti

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 5. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku informa lill-Kunsill li fix-xhur li ġejjin il-Kunsill ser jibda xi xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' bankini fil-Lokalita fejn ser jibdew minn Triq Sisner.

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellu mal-Perit tal-Kunsill dwar il-livelli tat-Triq fil-Pjazza biex nevitaw xi tip ta' problemi tal-għargħar. Is-Sur Guido Borg fakkar li fil-pjazza hemm xelter ta' żmien il-gwerra biex jiġi mħares waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħolijiet għax għandu valur storiku għar-raħal ta' Ħal Balzan.

Is-Sindku talab lis-Segretarju biex fir-rigward tar-rekwiżizzjoni tal-Uffiċċju tal-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u Malta Post Office biex jgħarfuna bil-pożizzjoni tagħhom f'dan ir-rigward peress li qed joperaw mill-istess fond.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħal kull sena ssir l-ikla tal-istaff u l-Kunsilliera u din ser issir nhar it-28 ta' Diċembru 2012.

## 6. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sas-19 ta' Diċembru 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 11,145,70

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier is- Sur D. Zammit Marmara. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex juru li hija dokument korrett.

## 7. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Is-Sur G. Borg talab li għandha ssir sleeping policeman fi Triq S. Marija kantuniera ma' Triq iz-Zekkuk biex jiġi evitat li jidħol ilma għand ir-residenti li joqgħodu fi Triq S. Marija. Il-Sindku fakkar li hija policy ta' Transport Malta li ma tingħata ebda permess ta' dan it-tip biex jiġi devjat l-ilma u għalhekk dan ma jistax isir.

Is-Sur D. Zammit Marmara nforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellu ma' Webee Ltd dwar il-websajt il-ġdid tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur D. Zammit Marmara informa lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-Sur Daniel Muscat dwar il-possibilita' li ssir Festa tal-Larinġ. Is-Sindku talab li l-ewwel bħala kunsill għandna naraw x'inhuma l-ispejjeż involuti u naraw hix vijabbli li ssir.

Is-Sur D. Zammit Marmara issuġġerixxa li għandu jsir seminar mniedi mill-Kunsill dwar l-istorja tal-baned ta' Ħal Balzan bil-kollaborazzjoni tal-Każini San Gabriel u Marija Annunzjata jew isiru sensiela ta' laqgħat marbuta ma' persuni li għexu jew jgħixu f'Ħal Balzan u li taw kontribut għal lokal kif ukoll fuq il-kultura ġo Ħal Balzan.

Is-Sur S. Gatt informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellha l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan mal-MEUSAC dwar fondi mill-Ewropa għar-restawr tal-Knisja Parrokkjali.

Is-Sur S. Gatt issuġġerixxa li t-tabelli ' *no access to Birbal Street*' għandhom jintużaw għal-proġett tal-ERDF 205.

Is-Sur S. Gatt xtaq jirringrazzja li kull minn ħa sehem u organiżża l-attivita' tal-Mini Minors li ntlaqat b'suċċess.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 9 ta' Jannar 2013 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

____________________

Data